



Brussell, 2 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13629/20

CYBER 263
TELECOM 248
COPEN 362
CODEC 1266
COPS 441
COSI 235
CSC 344
CSCI 86
IND 248
RECH 493
ESPACE 77

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	2 ta' Diċembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-ċibersigurtà ta' apparati konnessi - Konklużjonijiet tal-Kunsill approvati bi proċedura bil-miktub
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-ċibersigurtà ta' apparati konnessi kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fit-2 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-ċibersigurtà ta' apparati konnessi

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE,
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE,
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sinifikat tal-5G għall-Ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G,
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali",
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa,
 - fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-COVID-19, is-Suq Uniku, il-politika industrijali, id-dimensjoni diġitali u r-relazzjonijiet esterni,
 - fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa".
1. JENFASIZZA li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom bżonn jiżguraw is-sovranità diġitali u l-awtonomija strateġika tagħhom, filwaqt li jippreservaw ekonomija miftuħa. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċità li jsiru għażliet teknoloġiċi awtonomi u, bħala wieħed mill-pilastri ewlenin, infrastrutturi, prodotti u servizzi reżiljenti u siguri biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali u fis-soċjetà Ewropea. Il-valuri ċentrali tal-Unjoni Ewropea jippreservaw b'mod partikolari l-privatezza, is-sigurtà, l-ugwaljanza, id-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt u Internet miftuħ bħala prerekwiżiti biex jinkisbu soċjetà, ekonomija u industrija mħaddma b'mezzi diġitali u ċċentrati fuq il-bniedem.

2. JAGĦRAF l-importanza dejjem tikber tal-apparati konnessi u s-sigurtà tagħhom, inkluż magni, sensuri u networks li flimkien jagħmlu l-Internet tal-Oġġetti (IoT). L-apparati konnessi ser jaqdu rwol ewlieni kemm biex, minn prospettiva industrijali u tan-negozju, ikomplu jsawru l-futur diġitali tal-Ewropa, kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum tal-konsumaturi ta' ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġija. Minbarra l-5G, l-intelliġenza artifiċjali, il-computing kwantistiku, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-cloud computing, it-teknoloġiji ta' reġistru distribwit jiġifieri l-blockchain u kwalunkwe applikazzjoni u opportunità ġdida oħra għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u livell oġġett ta' diġitalizzazzjoni tas-soċjetà tagħna jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' apparati konnessi ċibersiguri.
3. JINNOTA li ż-żieda fl-użu ta' prodotti għall-konsumaturi u apparati industrijali konnessi mal-internet ser iżżid ukoll riskji ġodda għall-privatezza, is-sigurtà tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà, inkluż dejjem iżjed impatti potenzjali fuq l-integrità u d-disponibbiltà ta' prodotti u data, li jistgħu jaffettwaw direttament is-sikurezza. Huwa essenzjali li dawn ir-riskji jitnaqqsu kemm jista' jkun sabiex tingħata protezzjoni lill-konsumaturi, tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika ġenerali tal-Ewropa u titjieb il-fiduċja taċ-ċittadini fis-soluzzjonijiet u t-teknoloġiji diġitali. Dan ser irawwem ukoll il-kompetittività u l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tal-fornituri Ewropej ta' dawn it-tip ta' apparati. Iċ-ċibersigurtà u l-privatezza għandhom jiġu rikonoxxuti bħala rekwiżiti essenzjali fl-innovazzjoni tal-prodotti, fil-prodotti u fil-proċessi tal-iżvilupp, inkluż il-fażi tad-disinn (sigurtà sa mit-tfassil), u għandhom jiġu żgurati tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott u tul il-katina tal-provvista tiegħu.
4. JISĦAQ li minbarra li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-apparati konnessi, huwa daqstant importanti li jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi dwar ir-riskji potenzjali tagħhom għall-privatezza u s-sigurtà. Dan jgħin biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-perikli li jirriżultaw minn użu akbar ta' apparati konnessi, titjieb il-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali u jittieħed l-ikbar vantaġġ mill-benefiċċji ekonomiċi u soċjali offruti mit-teknoloġiji tal-apparati konnessi.

5. JISSOTTOLINJA li l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni, b' mod partikolari permezz ta' Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, kif ukoll investiment privat jista' jgħodq inċentivi siewja biex l-apparati konnessi jsiru aktar sikuri u siguri, u b'hekk in-networks tal-komunikazzjoni intelliġenti jkunu aktar reżiljenti. L-investiment fl-infrastruttura u t-teknoloġija diġitali meħtieġa biex jiġu introdotti l-aktar teknoloġiji reċenti ta' apparati konnessi għandhom ukoll jitħaffu biex tinkiseb pożizzjoni fuq quddiem fl-industrija u l-qasam diġitali, u biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika, filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa.
6. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' komplementarjetà u komparabbiltà tal-funzjonalitajiet tas-sigurtà tas-sistemi tal-ICT u l-komponenti tal-ICT, li jintużaw f' bosta setturi differenti tas-Suq Uniku Diġitali.
7. JIRRIKONOXXI l-iżviluppi attwali fil-livell tal-Unjoni biex jogħla l-livell ta' ċibersigurtà tal-apparati konnessi, b' mod partikolari fir-rigward ta' inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni biex tindirizza fi żmien qasir l-aspetti ta' ċibersigurtà fl-atti legali rilevanti, pereżempju l-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid, b' mod partikolari d-Direttiva 2014/53/UE (Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju). JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi vvalutata l-ħtieġa għal leġiżlazzjoni orizzontali, li tispeċifika wkoll il-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tqegħid fis-suq, fit-tul, biex jiġu indirizzati l-aspetti rilevanti kollha ta' ċibersigurtà tal-apparati konnessi, bħad-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità. JILQA' f' dan ir-rigward diskussjoni biex jiġi esplorat il-kamp tal-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni bħal din u r-rabtiet tagħha mal-qafas ta' ċertifikazzjoni ta' ċibersigurtà kif definit skont l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, bil-għan li jogħla l-livell ta' sigurtà fis-Suq Uniku Diġitali.
8. JISĦAQ li r-rekwiżiti ta' ċibersigurtà għandhom jiġu ddefiniti skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, il-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid, ir-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u att leġiżlattiv orizzontali possibbli futur, biex jiġu evitati ambigwiżi u frammentazzjoni fil-leġiżlazzjoni.

9. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari tal-manifatturi, biex jgħollu l-livell taċ-ċibersigurtà tal-apparati konnessi fis-Suq Uniku Diġitali, u għaldaqstant JAPPELLA għal koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha rilevanti, anki bil-ħsieb ta' leġiżlazzjoni orizzontali possibbli futura.
- 9a. JILQA' l-ħidma li għaddejja mmexxija mill-ENISA biex tabbozza l-ewwel skemi ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-UE, jiġifieri l-Kriterji Komuni tal-Unjoni Ewropea proposti u l-iskemi ta' Servizzi ta' Cloud proposti. Dawn l-iskemi ser ikunu l-bażijiet rilevanti għaċ-ċertifikazzjoni tal-apparati konnessi.
10. JENFASIZZA li kull skema ta' ċertifikazzjoni addizzjonali għal apparati konnessi u servizzi relatati li tkun imsemmija fil-Programm ta' Ħidma Kontinwu tal-Unjoni u definita skont l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà għandha tispeċifika kif ir-rekwiżiti ta' sigurtà applikabbli fil-livell ta' assigurazzjoni rilevanti għandhom jiġu ssodisfati abbażi ta' standards speċifiċi Ewropej u rikonoxxuti f'livell internazzjonali, irrISPettivament mis-settur fejn ser jintuża l-prodott, u liema speċifikazzjonijiet tat-test, ċertifikati eċċ. iridu jiġu applikati.
11. JIRRIKONOXXI li ċ-ċertifikazzjoni ta' apparati konnessi tkun teħtieġ normi, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti għall-evalwazzjonijiet taċ-ċibersigurtà skont l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà. Għalhekk, JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu stabbiliti normi, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi taċ-ċibersigurtà għall-apparati konnessi u JIRRAKKOMANDA li jissaħħu l-isforzi mwettqa mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandards f'din il-kwistjoni. Fl-istess ħin, JINNOTA l-istandard ta' ċibersigurtà ETSI EN 303 645 għal apparati tal-IoT għall-konsumaturi bħala pass importanti f'din id-direzzjoni.

12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra talba għal [...] skemi kandidati ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għal apparati konnessi u servizzi relatati bbażati fuq il-Programm ta' Hídma Kontinwu tal-Unjoni li qed jiġi żviluppat bħalissa waqt li jittieħed l-iktar kont possibbli tal-iskemi orizzontali Ewropej ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà li qed jiġu żviluppati bħalissa. Fuq bażi volontarja dik it-tip ta' skema ser tippermetti lill-manifatturi ta' prodotti bħal dawn jippromwovu l-prodotti bil-livell ta' assigurazzjoni vvalutat.
13. JISTIEDEN sabiex issir diskussjoni dwar kif l-għan taċ-ċibersigurtà jista' jiġi ankrat f'leġiżlazzjoni orizzontali futura li tkopri r-riskji għaċ-ċibersigurtà relatati mal-apparati konnessi, u fl-istess ħin JINNOTA l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat l-adattament tar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttivi rispettivi tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid, fejn ikun adatt.
14. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tivvaluta wkoll, fejn ikun meħtieġ, regolamenti komplementari speċifiċi għas-settur li għandhom jiddefinixxu liema livell ta' ċibersigurtà għandu jkun issodisfat mill-apparat konness biex tiżgura li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' sigurtà u privatezza għal daww l-apparati b'riskji oġhla ta' sigurtà.
15. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej u li titrawwem il-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali. Is-sigurtà u l-privatezza tas-soċjetajiet tagħna huma essenzjali biex nippreservaw il-valuri fundamentali tal-Unjoni. B'hekk, JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-qafas ipprovdut mill-Att dwar iċ-Ċibersigurtà jservi ta' bażi biex jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta' sigurtà, skont livelli ta' assigurazzjoni differenti, fis-setturi kollha tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni u l-kontrolli multipli ta' rekwiżiti identiċi u jkunu offruti kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea

16. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-Kumitat tal-Valutazzjoni tal-Konformità u s-Sorveljanza tas-Suq tat-Telekomunikazzjonijiet, u l-Grupp Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà (ECCG) biex jieħdu sehem attiv f'din l-inizjattiva ta' tisħiħ tas-Suq Uniku Diġitali u titjib tal-fiduċja fil-prodotti, is-servizzi u l-proċessi tal-ICT għall-apparati konnessi billi jiżguraw il-privatezza u ċ-ċibersigurtà u jiffaċilitaw it-tisħiħ tal-kompetittività globali tal-industrija tal-IoT tal-Unjoni billi jiżguraw l-oġhla standards ta' reżiljenza, sikurezza u sigurtà.
17. JENFASIZZA f'dan il-kuntest il-ħtieġa li l-SMEs jingħataw appoġġ bħala element kostitwenti essenzjali tal-ekosistema Ewropea taċ-ċibersigurtà, u JHEĠĠEGĠ lill-SMEs biex jieħdu sehem fil-konsultazzjonijiet pubbliċi kollha mnedija kif ukoll fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni biex jittieħed kont tal-kontribut siewi u importanti tagħhom biex iċ-ċibersigurtà ssir mira aċċessibbli kif ukoll vantaġġ kompetittiv fis-suq Ewropew.
18. JINNOTA li l-obbligu li jiġu żgurati ċ-ċibersigurtà u l-privatezza tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja ta' prodott u tul il-katina tal-provvista tiegħu jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-impronta ambjentali tas-settur tat-teknoloġija billi jmexxi lill-manifatturi lejn proċessi ta' produzzjoni u żvilupp intelliġenti u sostenibbli u b'hekk jitnaqqas l-ammont ta' skart elettroniku relatat mar-rimi ta' apparati konnessi.
-